LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 254.15

ORDNI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ LIL MALTAPOST P.L.C.

18 ta' Frar, 2011

L-AVVIŻ LEGALI 53 tal-2011.

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni dwar Trasferiment ta' Proprjetà lil Maltapost plc.

Tifsir.

2. F'dan l-Ordni:

Kap. 254.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Servizzi Postali;

"il-kumpannija" tfisser Maltapost plc;

"il-Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tal-Art;

Kap. 386.

"Maltapost plc" tfisser il-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata reġistrata kif hemm fl-Att dwar il-Kumpanniji, u li għandha liċenza taħt l-artikolu 8(1) tal-Att biex tipprovdi servizzi postali f'Malta.

Trasferiment ta' fond lil Maltapost plc.

3. Il-fond li jikkonsisti fil-bini u l-art li hemm fis-sit 305, Triq Ħal Qormi, il-Marsa, li huma proprjetà tal-Gvern u li bħalissa qed jintużaw minn Maltapost plc, immarkati bħala Sit A fuq il-Pjanta fl-Iskeda, għandu jiġi trasferit b'titolu ta' bejgħ mill-Kummissarju lill-kumpannija taħt kuntratt ta' bejgħ li jsir bejn il-Kummissarju u l-kumpannija.

SKEDA

(Artikolu 3)